# IL-LUM U MITT SENA ILU

*Ta'* JOHN C. FRIGGIERI

MHUX inqas minn mitt elf ilsir ħadmu bla ħedu għal għoxrin sena sħaħ fil-bini tal-Piramida l-kbira ta' l-Eġittu; għoxrin sena ta' xogħol iebes taħt il-qilla ta' madmad u l-kefrija tas-sawt! Huwa minnu li din il-biċċa xogħol baqgħet imniżżla fl-isterja tad-dinja bħala waħda mill-akbar egħġubijiet li qatt wettaq il-bniedem u meta wieħed iqis li dan il-għaġeb sar fi żmien ta' aktar minn ħamest elef sena ilu, aktar tikber fina l-għożża lejn iċ-ċiviltà bikrija li sawwar dak il-ġens għaqli u kbir fuq ix-xtut tan-Nil.

Il-lum dak l-istess xogħol li hareġ mill-ħidma ta' mitt elf bniedem u li dam sejjer għal dak iż-żmien kollu jista' jsir b'inqas taħbit minn għadd iżgħar ta' ħaddiema u fi żmien qasir ta' ftit jiem, u dan bil-għajnuna tal-makni u l-għodod ta' żmienna li kibru u ssaħħu mal-mixja tas-snin sa waslu biex għaġġbu l-istess bniedem li sawwarhom. Iżda għalfejn immorru daqshekk 'il bogħod biex naraw it-tibdil u l-progress fil-ħidma tal-bniedem minn żmien għall-ieħor? Biżżejjed nagħtu daqqa ta' għajn fuq fuq lejn dawn l-aħħar mitt sena biex inkunu nafu b'dak li nannietna qatt ma ħolmu li għad jista' jseħħ fiż-żminijiet ġejjiena.

Quddiem din il-qawwa tal-għaġeb, il-ħsieb tagħna jintrafa' 'l fuq lejn il-Ħallieq tagħna u Fih nagħrfu d-Driegħ setgħani li jmexxi u jsawwar kollox għall-għanijiet li jifhem Hu biss u li jibqgħu għal dejjem moħbija għall-moħħ dgħajjef tal-bniedem.

It-tibdil siewi li sar fix-xjenza u l-arti f'dawn l-aħħar mitt sena kellu sehem kbir ħafna biex ħawwel u saħħaħ f'għeruqhom ix-xitel tat-tħabrik u ħidma sa wasal biex kabbar f'siġar kbar l-erba' fergħat tal-kummerċ, ġjografija, tagħlim u armi tal-gwerra li maż-żmien raddew il-frott tagħhom bir-rfus.

Dawk in-nies li għaxu mitt sena ilu, ftit li xejn għaddielhom minn moħħhom kemm u kemm tibdil għall-aħjar kellu jsir fil-għamliet kollha ta' l-inġenji tat-trasport. Dak iż-żmien kull ġarr kien isir fuq karrettuni miġbudin mill-bhejjem. In-nies infishom kienu qajla jitħarrku mix-xiber art ta' dwar djarhom u l-biċċa l-kbira minnhom kienu jitwieldu u jmutu bla qatt ikunu ħarġu mill-belt jew raħal tagħhom. Fuq il-baħar, is-safar minn

art għall-oħra fuq bastimenti żgħar tal-qlugħ li kien tabilħaqq ta' sogru xejn żgħir. Iżda meta fl-1825 George Stephenson ħaddem il-makna ta' l-istîm fl-ingenji tas-sewqan, il-ħeffa fil-mixi u l-qawwa ta' dawn baqgħu dejjem jiżdiedu sakemm il-lum kull isem ta' makna ġdida jitqies b'kemm ħeffa għandha l-ħila tgħaddi lil dik ta' qabilha. Fil-ġlieda kontra l-ħin, moħħ il-bniedem baqa' jistinka sakemm irnexxielu jirbaħ l-għoli ta' l-ajru u fi ftit snin wara kiseb dak li kien ilu jixtieq—il-ħeffa fil-ġiri li tgħaddi l-istess ħeffa li biha l-ħoss jaqsam l-arja — ħeffa tassew tal-għaġeb! Dak li qabel kien jieħu ġimgħat u xhur sħaħ biex jinġarr bl-art jew bil-baħar, il-lum jieħu ftit sigħat u nistgħu ngħidu bla biża' ta' xejn li l-ajruplan għad jikseb kif jistħoqqlu l-ewwel post fil-għażla ta' min ikun irid jaqsam artijiet u ibħra sew għal dak li huwa serħan, kumdità u iffrankar ta' taħbit żejjed li wieħed isib fil-vjaġġi twal bl-art u bil-baħar.

B'din il-bidla kbira u tal-għaġeb fil-ħeffa tal-ġarr tal-ħtiġijiet kollha tal-bniedem, l-artijiet tad-dinja resqu aktar lejn xulxin u l-kummerċ bejniethom ħa xejra tassew sabiħa. Kull xkiel taż-żmien u l-bogħod ġie megħlub u l-ġnus kollha minn tarf għall-ieħor tad-dinja stagħnew mhux ftit bit-twaqqif ta' l-industrji f'pajjiżhom biex jilħqu mat-talbiet ta' xiri minn artijiet oħra sew fil-qrib kemm 'il bogħod minnhom.

Pass ieħor 'l quddiem fil-kummerċ internazzjonali sar fil-ftuħ taż-żewġ kanali Swejz u Panama. B'ta' l-ewwel, iż-żmien tal-vjaġġar bil-baħar lejn l-artijiet tal-Lvant Imbiegħed naqas b'erbgħa u għoxrin jum, u bil-Kanal tal-Panama, l-Amerika, aktar minn ħaddieħor, tiffranka mat-tnax-il elf mil kull darba li l-bastimenti tagħha jkunu jridu jmorru minn naħa għall-oħra tal-pajjiż. Bil-ftuħ tal-Panama, mogħdija dejqa ta' baħar twila 49 mil, iż-żewġ ibħra kbar ta' l-Atlantiku u l-Paċifiku ġew magħquda.

Ħafna u ħafna kienu s-sejbiet siewja fix-xjenza u l-arti li raw id-dawl tal-ħajja f'dawn l-aħħar mitt sena, iżda l-akbar u l-aktar waħda li kisbet isem għoli li ma jmut qatt sakemm id-dinja tibqa' wieqfa u li biha l-bniedem sawwar għemejjel ta' seħer, kienet bla tlaqliq xejn, il-qawwa ta' l-elettriku. Għalkemm ħadd għadu ma wasal biex jifhem u jfisser din il-qawwa moħbija, madankollu t-tħaddim tagħha fis-suriet bla għadd misjuba, kien il-bidu ta' sensiela twila ta' sejbiet waħda akbar minn oħra

li kollha huma ta' ħtieġa bla qies fil-ħajja tagħna ta' kuljum.

Fost il-ħoloq bla għadd li senslu l-ħanniega tas-suċċessi fil-kixfa ta' l-elettriku, insibu t-telefon, it-telegrafu, ir-radjo u t-television. Dawn l-erbgħa, flimkien ma' oħrajn mhux anqas minnhom imsemmija għall-ġid li raddew lill-bniedem, kienu l-qofol tal-ħajra għat-tagħlim l-aktar fost il-ħaddiema fqar. Ismijiet ta' nies bħal Volta, Faraday, Cook, Wheatstone, Bell, Edison, Preece u Marconi li għaddew ħajjithom fit-tiftix ta' din il-qawwa moħbija u fit-tħaddim tagħha għall-ħtiġijiet tagħna ta' kuljum, jibqgħu mniżżlin fl-istorja b'ittri kbar biex il-ġnus kollha jibqgħu jiftakru fihom bħala l-ġenji li ħallew lid-dinja l-isbaħ u l-akbar mħiba taż-żminijiet.

Ħarsa oħra lura lejn dawn l-aħħar mitt sena turina għamla oħra ta' progress, jekk nistgħu nsejħulu hekk, fl-armamenti u t-tagħmir tal-gwerra. Il-gwerer, li twieldu sa mill-ewwel żminijiet tad-dinja, kienu mnissla mill-għira ta' bejn ġens u ieħor u sew wieħed kemm l-ieħor 'ma jonqsux min-naħa tagħhom li jagħmlu minn kollox biex ikissru 'l xulxin;— u wara? — ħerba, ġuħ, niket u għaks — ħtija tal-għira misħuta li ħakmet qalb il-bniedem. U l-bniedem, ilsir tal-għira, jitlef għaqlu u ġidu biex jikseb u jaħżen dejjem aktar għodod qerrieda tal-gwerra.

Ħdejn dawn l-armamenti kiefra tal-lum, ix-xabla u t-tarka ta' dari jidhru qishom logħob tat-tfal. Bejn l-ewwel u t-tieni gwerra tad-dinja, l-għamliet ta' armi qerrieda u oħrajn feġġieda għall-ħarsien kontrihom li raw id-dawl tal-jum kienu wisq aktar kotrana milli wieħed kien jobsor. L-ajruplan, bastimenti, bombi u kanuni, ir-radar u ħafna u ħafna tagħmir ieħor bħalu kollha għamlu sehemhom sewwa f'din l-aħħar taqtigħa. Fuq l-art, fuq u taħt il-baħar u fl-ajru, qawwiet li jwaħħxu, armati sa snienhom, tqabdu bla ħniena.; nies mietu, id-djar iġġarrfu u l-għaks xtered ma' l-irkejjen tad-dinja bil-''progress'' fl-armamenti.

Iżda jekk minnhom huma l-ħsarat u niket li jġibu dawn il-għodod tal-glied bejn il-bnedmin, xejn anqas minnu huwa l-ġid li jista' jinkiseb minnhom. Il-qawwa atomika misjuba ftit tassnin ilu, hija l-aqwa xebh li jsaħħaħ dan l-argument. B'din is-sejba, il-bniedem kiseb f'idejh il-muftieħ ta' destin iċ-ċiviltà—jew infern ta' ħerba u qirda jew ġenna ta' riżq u hena. Mela jekk il-

bniedem ma jitlifx moħħu bl-ikreh, il-ħsieb fuq is-siwi tal-qawwa atomika għandu jferrħu u jgagħlu bla dewmien ifittex dejjem aktar iħaddem din is-sejba tal-għageb għall-ħtiġijiet tiegħu ta' kuljum.

Is-seklu għoxrin jibqa' mniżżel fl-istorja għall-hidma li l-gvernijiet tad-dinja taw għat-tixrid tat-tagħlim fost kulħadd u l-aktar fost dawk l-artijiet li baqgħu lura minħabba l-faqar tagħhom jew in-nuqqas ta' ħeġġa min-naħa ta' min kien fid-dmir li jgħallimhom. Is-sehem ta' fejda li qegħdin jieħdu l-ħakkiema tal-ġnus għal dan l-iskop, jidher sewwa fis-somom kbar ta' flus li jwarrbu ta' kull sena biex tinqered darba għal dejjem il-marda ta' l-analfabetiżmu minn fost il-bnedmin. Xejn ma jagħti ħjiel sewwa ta' kif dal-ħsieb qiegħed minn ta' quddiem fil-moħħ tal-gvernijiet daqs il-Għaqda mwaqqfa mill-U.N.O. ta' l-isem ta' U.N.E.S.C.O. li l-iskop tagħha ewlieni huwa li tgħallem u tnissel fil-ġnus kollha tad-dinja x-xewqa li jimxu 'l quddiem fil-ħajja soċjali tagħhom, bejniethom u ma' ħuthom il-ġnus l-oħra u fl-istess ħin tgħinhom b'għoti ta' flus u billi tibgħatilhom nies imħarrġin sewwa biex iqegħdulhom l-ewwel ġebla fis-sisien u t-tiswir ta' sistema ta' tagħlim li jxejjen minn fosthom il-għajb li waħdu kien jaqtagħhom għalihom mill-bqija tad-dinja ċivilizzata.

Iżda jekk kbir kien il-progress fil-fergħat kollha tax-xjenza li b'ħaġa jew oħra għinu 'l-bniedem fit-tiswir ta' ħajja aħjar fil-għajxien tiegħu, ħadd ma jista' jiċħad li l-mediċina wkoll ma baqgħetx lura mit-titjib u l-progress tagħha u li ħafna wkoll kienu dawk li ħallew isimhom għall-ħidma tagħhom fuq din il-fergħa meħtieġa tax-xjenza. L-isem li ħallew dawk il-qalbiena bħal Pasteur, il-Professur u Madame Curie, Fleming u ħafna oħrajn, jibqa' mfakkar minn nisel għall-ieħor sa l-aħħar tad-dinja. Nies qalbiena tassew li għaddew għomorhom fit-tiftix ta' mediċini ġodda biex jegħlbu l-ħafna mard li dwaru ftit li xejn konna nafu, iżda li b'riħtu l-mewt kienet taħsad bla ħniena bla ħadd seta' jfixkilha fil-qirda tagħha. Tfal u żgħażagħ, fl-aħjar ta' ħajjithom u mimlijin saħħa, kienu ta' sikwit jaqgħu taħt id-daqqa kiefra tal-minġel u kulħadd imħasseb u mbażża' fuq il-ħafna epidemji ta' mard ikreh li ta' sikwit kienu jidhru u jkaxkru lejn il-qabar eluf u eluf, kienu jitniehdu u jgħajtu ħniena. U l-għajta, tidwi ma' l-erba' naħiet tad-dinja, instemgħet minn bosta li ħallew kollox

u ntefgħu b'ruħhom u ġisimhom għall-ħelsien tad-dinja mill-ħafna mard ikreh li l-lum qajla għadu jidher.

Għad fadal ħafna xi jsir f'din il-ħidma, iżda l-ġnus il-lum fehmu kemm hu ta' fejda kbira t-tiftix ta' rimedji ġodda fil-ġlieda kontra l-mard u b'dan il-ħsieb, kollha kemm huma qegħdin jagħmlu ħilithom biex igħinu lil min jidħol għal dan ix-xogħol hekk sabiħ.

Kbir tassew kien it-titjib f'kull xejra tal-ħajja tal-bniedem f'dan l-aħħar seklu u dan huwa xhieda sħiħa tal-ħeffa fil-progress li sar. Iżda rridu nittakru illi mal-mixi 'l quddiem tal-ħajja u s-siwi li qegħdin niksbu minnu, imiss ukoll lil kull weħeid minna li jagħmel sehmu fil-qadi sewwa ta' dmirijietu. Kulħadd, mill-kbir saż-żgħir, għani u fqir, nisa u rġiel, kulħadd jagħmel sehem mill-familja l-kbira tal-bnedmin u kull maħluq għandu l-qadja tiegħu x'jagħmel f'din id-dinja. Jekk dan isir sewwa kif irid il-Hallieq tagħna, fid-dinja jsaltnu s-sliem u l-hena u kollox jimxi fl-isbaħ ftehim u ordni li bih jimxu l-ħlejjaq l-oħra kollha fil-ħajja tagħhom minn jum għall-ieħor, minn sena għall-oħra.

Il-ħajja ġwejda li fiha għaxu missirijietna mitt sena ilu, mietet biex qatt aktar ma tirxoxta, iż-żminijiet tbiddlu u aħna ħtiġilna nimxu magħhom. Drawwiet intilfu fiċ-ċpar imdennes tas-snin u oħrajn twieldu flokhom; iżda xorta waħda baqgħu d-dmirijiet tagħna lejn Alla u għajrna. Jekk bħal ta' qabilna, ninqdew kif jixraq b'dak li għandna misluf mis-Sid Ewlieni, inkunu bħalhom inhejju t-triq għal dawk li jiġu wrajna biex huma jkunu jistgħu jfaħħru u jbierku l-ġid li ħallejnielhom aħna.